MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 558/2006

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 898/06 fl-ismijiet:-**

**John Borg (I.D.775956M).**

**vs.**

**Jesmond Borg (I.D. 313865M) *qua* eredi tal-mejtin Antonio Borg (ID718425M) u Carmela Borg (ID267630M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' l-intimat ezekutant Jesmond Borg datata 20 ta' Gunju 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi permezz ta' rikors prezentat fit-8 ta' Gunju, 2006 ir-rikorrent ezekutat John Borg talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 898/06 fil-konfront ta’ l-intimat ezekutant sabiex jikkawtela *sorte* ta' Lm11,000 konsistenti fis-sehem allegatament spettanti lill-istess rikorrent ezekutat minn fondi appartenenti lid-defunti genituri tal-kontendenti li gew allegatament mizapproprjati mill-intimat ezekutant bis-sahha ta' prokura illi huwa kellu.

Illi dawn il-kawzali huma ahjar dedotti fir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Gunju 2006 mill-istess rikorrent ezekutat (Citaz. Numru 520/06RCP).

Illi l-intimat ezekutant qieghed jipprezenta dan ir-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru. 898/06 *a tenur* ta’ l-**artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 12,** ghall-kundanna tar-rikorrent ezekutat ghall-hlas ta' penali ta' bejn Lm500 u Lm3,000 *a tenur* ta’ l-**artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-Kap. 12** u ghall-ghoti ta' garanzija ghall-hlas ta' penali, danni, spejjez u imghax *a tenur* ta’ l-**artikolu 838A tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-fatti, in succint, huma s-segwenti – il-kontendenti huma ahwa, ulied id-defunti Antonio u Carmela, konjugi Borg, illi kellhom diversi depoziti bankarji mal-fergha tar-Rabat tal-HSBC Bank Malta plc; l-intimat ezekutant Jesmond Borg kien il-prokuratur tal-genituri tieghu; il--kontendenti, flimkien maz-zewg huthom Carmela Borg u Rita Cilia, huma l-eredi universali tal-genituri taghhom u allura jispettahom sehem ta' kwart (1/4) kull wiehed mill-assi ereditarji tal-genituri taghhom.

Illi fir-rikors guramentat minnu pprezentat fis-6 ta' Gunju 2006 – Citaz. Nru. 520/06 – ir-rikorrent ezekutat jallega illi l-intimat ezekutant Jesmond Borg, bis-sahha ta' prokura lilu moghtija mill-genituri tal-kontendenti, immizapproprja s-somma ta' *circa* Lm44,000 illi minnha r-rikorrent ezekutat, bhala wiehed mill-erba' eredi universali, kien jispettah is-somma ta' *circa* Lm11,000.

Illi ghalhekk il-*fundamentum agendi* kemm tal-kawza minnu ntavolata u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru minnu mitlub u ottenut biex jissalvagwardja l-allegat kreditu lilu spettanti, hija l-allegazzjoni ta' mizapproprjazzjoni da parti ta’ l-intimat ezekutant — ir-rikorrent ezekutat John Borg qieghed jibbaza kollox fuq l-allegazzjoni illi l-intimat ezekutant gibed is-somma ta' *circa* Lm44,000 mid-depoziti bankarji tad-defunti genituri tieghu u zammhom ghalih, ghad-dannu ta’ l-eredi l-ohra fosthom l-istess rikorrent ezekutat John Borg.

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent ezekutat John Borg huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-semplici raguni illi mhuwiex minnu illi l-intimat ezekutant Jesmond Borg zbanka dawn il-flus mid-depoziti bankarji tad-defunt missieru Antonio Borg bis-sahha tal-prokura illi huwa kellu – ghall-kuntrarju, dawn il-flus gew zbankati personalment mill-imsemmi Antonio Borg matul hajtu, kif kellu kull dritt illi jaghmel, meta huwa mar personalment fil-fergha tar-Rabat tal-HSBC Bank Malta plc biex jizbanka dawn il-flus fil-prezenza ta' uliedu l-intimat ezekutant Jesmond Borg, Carmela Borg u Rita Cilia (u naturalment tal-funzjonarji tal-Bank) u qassam dawn il-fondi ugwalment bejn dawn it-tliet (3) uliedu illi kienu jgibulu rispett, kif kellu kull dritt li jaghmel, ad eskluzjoni tar-rikorrent ezekutat.

Illi dan kollu kif jirrizulta mill-annessi kopji tal-bank *forms* relattivi illi qed jigu mmarkati Doks. “A1 – A5” kif jirrizulta mill-annessi dikjarazzjonijiet iffirmati mill-istess defunt Antonio Borg immarkati Doks. “B” u “C” u kif qed jigi konfermat bil-gurament mhux biss mill-intimat ezekutant [li qed jikkonferma l-fatti kollha kontenuti f'dan ir-rikors bil-gurament tieghu] izda minn hutu Carmela Borg u Rita Cilia *a tenur* ta’ l-affidavits hawn annessi bhala Doks. “D” u “E”, u kif anke jista' jigi konfermat, jekk ikun il-kaz, mill-funzjonarji tal-HSBC Bank Malta plc fil-Fergha tar-Rabat.

Illi ghaldaqstant l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent ezekutat, in kwantu bbazati fuq it-tezi tal-mizapproprjazzjoni u abbuz tal-prokura da parti tal-intimat ezekutant, huma *prima facie* nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant m'hemm ebda raguni ghaliex il-mandat ta'

sekwestru kawtelatorju numru 898/06 ghandu jibqa' fis-sehh, u dan *a tenur* ta' l-**artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi *di piu`* l-intimat ezekutant qieghed jirrizerva d-drittijiet tieghu kollha skond il-ligi biex jitlob li jigu stitwiti proceduri kriminali kontra r-rikorrent ezekutat ghall-malafama, fost reati ohra.

Illi, *oltre* dan, ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jidher illi sar biex issir hsara lill-intimat ezekutant ghaliex ma giex ezegwit biss f'idejn Joseph Borg, l-ezekutur testamentarju, illi ghad irid iqassam diversi fondi derivanti mill-wirt fost l-eredi, izda anke f'idejn l-HSBC Bank Malta plc fejn l-intimat ezekutant ghandu l-fondi personali tieghu f'mument meta l-intimat ezekutant, illi huwa bidwi *full-time,* jehtieg dawn il-flus sabiex ihallas ghal serra illi huwa ordna u li giet importata minn barra sabiex ikompli jkabbar l-impriza agrikola tieghu.

Illi fil-fatt bil-hrug u z-zamma fis-sehh ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 898/06, l-intimat ezekutant sejjer isofri danni kbar ghaliex mhux se jkun f' pozizzjoni illi jhallas ghal serra illi huwa ordna minghand is-socjeta' Martin Grima Ltd (vide Dok. "F") u li ghadha kemm giet importata minn barra (vide Dok. "G"), u ghalhekk qed issir it-talba *a tenur* ta' l-**artikolu 838A tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi *oltre* dan jigi rilevat illi fi zmien hmistax-il gurnata qabel il-prezentata tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo agitur,* ir-rikorrent ezekutat naqas milli bi kwalsijasi mod jinterpella lill-intimat ezekutant sabiex jaghti garanzija ghall-hlas ta' l-ammont pretiz f' kaz li dan jigi kanonizzat b'sentenza tal-Qorti, anzi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju qabad u gie pprezentat improvvizament u f' mument intiz biex issir hsara lill-intimat ezekutant, u ghalhekk ir-rikorrent ezekutat huwa passibbili ghall-hlas ta' penali fis-somma ta' bejn Lm500 u Lm3,000 *a tenur* ta' l-**artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat ezekutant Jesmond Borg qieghed jikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti kollha kontenuti f' dan ir-rikors.

Ghal dawn il-motivi l-intimat ezekutant Jesmond Borg jitlob umilment lil din il-wisq Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja:-

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 898/06 mahrug fil-konfront ta' l-intimat ezekutant, u dan *a tenur* ta' l-**artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Tikkundanna lir-rikorrent ezekutat John Borg sabiex ihallas lill-intimat ezekutant penali fis-somma ta' bejn hames mitt lira Maltija (Lm500) u tlett elef lira Maltija (Lm3,000), u dan *a tenur* ta' l-**artikolu 836(8) (b) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**; u

3. Tordna lir-rikorrent ezekutat sabiex, fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jaghti garanzija ghall-hlas tad-danni u l-imghax *a tenur* ta' l-**artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'** Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent ezekutat u b'rizerva ta' kull proceduri gudizzjarji ohra spettanti lill-intimat ezekutant.

Rat id-dokumenti esebiti li huma mmarkati minn Dok "A1" sa Dok "G" li jinkludu l-affidavits ta' Carmela Borg (Dok "D") u ta' Rita Borg (Dok "E") rispettivament.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Gunju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2006 fejn meta ssejjah ir-rikors ma deher hadd. L-intimati ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Ir-rikors gie differit *Sine Die.*

Rat ir-rikors tas-sekwestrati datata l-1 ta' Awissu 2006 fejn l-esponenti talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghal data ohra sabiex tigi trattata u deciza skond il-ligi. Il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrenti

biex fi zmien ghaxart ijiem (10) jiddikjaraw b'nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*.

Rat in-nota tas-sekwestrat ezekutant Jesmond Borg datata 5 ta' Settembru 2006 li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Joseph Borg u ddikjara illi huwa m'ghadx fadallu izjed provi x'jipproduci permezz ta' l-affidavit f'dawn il-proceduri. Il-Qorti, bid-digriet moghti fis-7 ta' Settembru 2006, ordnat lir-rikorrenti ghall-ahhar darba sabiex b'nota jindika x-xhieda *viva voce* li jrid jipproduci, in-natura u skop tax-xhieda taghhom, u kemm seduti ghandu bzonn biex jaghlaq il-provi tieghu, tali nota tigi prezentata fi zmien hmistax-il gurnata (15) mill-istess digriet.

Rat in-nota tas-sekwestrat ezekutant Jesmond Borg datata 25 ta' Settembru 2006 (fol. 31) illi permezz taghha ddikjara illi huwa ghandu biss xhud wiehed *viva voce* x'jipproduci. Il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-28 ta' Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 (fol. 34) fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Patrick Valentino ghall-intimat prezenti John Borg. Deher Dr. Chris Cilia ghar-rikorrent prezenti. L-intimat fil-proceduri odjerni John Borg, gie notifikat u nghata kopja tar-rikors ta' Jesmond Borg *seduta stante* u gie nfurmat ukoll li ghandu erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta. Ir-rikors gie differit biex tigi prezentata r-risposta u finali trattazzjoni ghat-23 ta' Jannar 2007.

Rat ir-risposta ta' l-intimat John Borg datata 5 ta' Dicembru 2006 a fol 35 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent fost affarijiet ohra qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat *de quo* peress illi skond huwa, *a tenur* ta' **artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12**, l-ammont ma huwiex *prima facie* giustifikat jew eccessiv, u / jew skond ic-cirkostanzi ma huwiex ragjonevoli illi l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh peress illi ma huwiex aktar gustifikat jew mehtieg;

Illi ghandu jigi rilevat illi l-mandat odjern l-intimat talab il-hrug tieghu *a tenur* ta' **artikolu 829 tal-Kap 12** sabiex huwa jqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu, sakemm jekk ikun il-kaz, il-pretensjoni tieghu tigi kanonizzata b'sentenza ta' Qorti;

Illi huwa *ormai* kostanti fil-gurisprudenza nostrali illi mandati kawtelatorji jinhargu mill-Qorti jekk ikun *prima facie* jidher illi l-jedd tal-persuna illi titolbu jkun jista' jigi miksur jew pregudikat kemm-il darba l-att kawtelatorju ma jinharigx;

Illi ghandu jigi rilevat ulterjorment illi gie stabbilit illi fil-proceduri ghal revoka ta' mandat ma ghandux jitqies il-mertu tal-konsegwenti kawza kif intavolata, izda il-Qorti ghandha tissindika biss jekk ir-rikorrenti kienx *prima facie* gustifikat illi jitlob il-hrug ta' tali mandat b'informazzjoni illi kellu possibbilta` ragjonevoli illi jakkwista. (ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 – **Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**)

Illi l-istharrig mehtieg fi procedura bhala din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (P.A. (JRM) 29 ta' Lulju 2005 **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart)**.

Illi fil-qosor ic-cirkostanzi illi taw lok ghat-talba tal-hurg tal-mandat *de quo* kienu s-segwenti:

(i) Missier il-kontendenti kien ragel anzjan illi ma johrogx mis-sodda u wisq inqas mid-dar fejn kien jirrisjedi mar-rikorrenti Jesmond Borg;

(ii) Ir-rikorrent Jesmond Borg, kien jipprekludi lill-huh John Borg l-intimat li jkollu kuntatt ma missieru avolja dan kien jistaqsi ghalih;

(iii) Ftit wara li miet f'Ottubru 2005, l-intimat talab u ottjena mill-bank *qua* eredi dokumentazzjoni illi juru t-

transazzjonijiet illi kienu saru fil-kontijiet ta' missieru ftit zmien qabel miet; (Liema dokumentazzjoni hija esebita mar-rikors 520/06)

(iv) L-intimat kien jaf illi missieru kien ta prokura lill-huh ir-rikorrent Jesmond Borg;

(v) Minn dawn id-dokumenti fuq imsemmija, l-intimat irrizultalu illi mill-kontijiet ta' missieru fil-mumenti illi dan kien moribond kienu ngibdu xejn anqas minn Lm44,500.

(vi) Illi *in vista* ta' dan interpella lil huh Jesmond Borg, izda dan sempliciment wiegeb illi l-prokura kienet tintuza sabiex tigi msarrfa l-pensjoni;

(vii) Illi sussegwentement billi l-intimat huwa wiehed minn erba' eredi ta' missieru talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' kwart tas-somma illi kienet giet misterjosament zbankata mill-kont ta' missieru ossija Lm11,000.

Illi jigi umilment rilevat illi bil-kronologija tal-fatti kif fuq elenkati l-intimat kien *prima facie* gustifikat fit-talba ghall-hrug tal-mandat *de quo.* Lanqas ma jidher li l-ammont mitlub huwa eccessiv u dan *stante* illi gie ritenut "illi biex ammont imsemmi *f'att kawtelatorju jitqies li* huwa *eccessiv,* jehtieg *li jintwera li dan* ikun esagerat *fid-dawl* tat-talba li ssir *jew* ikun *tant* grossolan li ma jistax u ma *jidhirx* mad-daqqa *t'ghajn* bhala *wiehed maghmul* b'mod azzardat". (P.A. (JRM) 29.07.05 – **Therese Mangion Galea Vs Desmond Stanley Stewart**)

Illi r-rikorrent fir-rikors promotur *dato non concesso* jesebixxi numru ta' dokumenti illi huwa jallega illi l-izbank sar personalment mid-defunt. Ghalkemm jigi rilevat illi dawn id-dokumenti ser jigu kontestati meta tigi trattata l-kawza ma kien qatt possibbili illi tali dokumenti jingiebu a konjizzjoni ta' l-intimat peress illi huma koperti bis-sigriet bankarju u ghalhekk wiehed irid jara kif dawn kienu fil-pussess tar-rikorrenti. F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat illi gie kostantament ritenut illi l-Qorti hija prekluza milli tindaga fil-kwistjoni tal-mertu ghaliex is-success jew telfien tal-

kwestjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser illi mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. (Ara, per ezempju, PA (JSP) 10.01.1992 fil-kawza fl-ismijiet **Spiteri vs Camilleri** u P.A. (RCP) 30.05.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **“Yorkie Clothing *Industry* Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona”).**

Illl ghalhekk *in vista* tas-suespost umilment jigi rilevat illi ma jidhirx illi l-ammont mitlub ma huwiex *prima* facie gustifikat jew eccessiv jew ma huwiex ragionevoli fic-cirkostanzi illi l-att kawtelatorju jibqa’ fis-sehh, peress illi ma huwiex aktar gustifikabbili jew mehtieg;

Illi *oltre* dan fir-rikors promotur, ir-rikorrent jitlob lill-intimat ihallas penali peress illi fit-talba tal-hrug tal-mandat *de quo* naqas illi jottempra ruhu mad-dispost ta' **artikolu 836.8, b u / jew / d tal-Kap 12**.

Illi jigi rilevat fil-kaz odjern kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghat-talba tal-hrug tal-mandat de *quo stante* l-unici assi illi ghandu r-rikorrent huma flus depositati fil-banek, tant hu hekk li r-rikorrent ma gabx xi prova illi ghandu assi ohrajn sabiex jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni kif dedotta, u l-intimat kellu fil-mument illi talab u ottjena l-hrug tal-mandat, preokkupazzjoni ragjonevoli illi malli r-rikorrent jigi notifikat bil-kawza kien jizbanka l-flus kollha li kellu fil-banek u b' hekk jekk il-pretensjoni tieghu tigi kanonizzata ma jkunx hemm minn fejn tigi sodisfatta. *Di piu`* l-intimat interpella lil huh l-esponent dwar l-ghejbien misterjuz tal-fondi;

Illi din l-Onorabbili Qorti tista’ tikkundanna l-intimat ihallas il-penali kontemplati kemm-il darba jirrizultalha t-talba ghall-hrug tal-mandat tkun wahda frivola jew vessatorja jew saret b'malizja;

Illi gie ritenut mill-Qrati taghna, illi sabiex jirrizulta illi kien hemm abbuz, frivolosita' jew malizia *'tali abbuz jigi riskontrat* biss *f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f’ kazijiet ta'* vessatorjeta' *("**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima**" — Kollez. Vol.XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo* jew *almenu negligenza gravament kolpuza ("**Agius vs Dott. Carbone nomine**"*

*— Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju jkun* ibbaza *fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel* fatto *e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio*. *Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano* non *e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("**Mugliette vs Bezzina**"* — *Kollez. Vol. XXVI.I.405)* P.A. JSP 10.01.92 — **Spiteri vs Camilleri).**

Illi fir-rikors promotur intalab illi l-intimat jaghti garanzija ghall-hlas tad-danni u imghax *a tenur* ta' **artikolu 838A tal-Kap12.**

Illi f'dan il-kuntest gie ritenut mill-Qrati taghna, illi jrid ikun hemm ragunijiet gravi u serji sabiex iwasslu l-Qorti ghall-imposizzjoni ta' tali sanzjoni. Intqal ukoll *'illi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza* gusta" biex *twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija* tajba. *Il-fatt wahdu li jkun inhareg il--Mandat* ma jitqiesx *bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu.* (P.A. (GC) 4 ta' Ottubru 2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty).**
Illi nghad ukoll illi d-danni kontemplati f'dan l-artikolu huma danni r-rikorrent irid jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug ta' l-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug; (ara P.A. (GC) 2 ta' Marzu 2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon *nomine* vs Alex Sullivan)**
Illi *di piu`* nghad mill-Qrati nostrali *'illi l-ammont tal-garanzija li jrid jigi ffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex ihares il-pretensjonijiet taghha f'kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat. Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tesegwixxi decizjoni favorevoli*

*ghaliha;(P.A.(JRM)* 29 ta' Lulju 2005 – **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart).**
Illi jigi rilevat f'dan l-istadju bhala danni r-rikorrent jghid konsegwenza tal-mandat *'mhux ser ikun f posizzjoni ihallas ghal serra li huwa ordna (ara rikors promotur).*
Illi dan zgur ma jaqax fid-definizzjoni ta' danni kontemplati mill-legislatur fl-artikolu msemmi,
Illi jigi umilment rilevat *in vista* tas-suespost, jidher *prima facie* illi bl-ebda mod l-intimat ma abbuza mid-dritt spettanti lilu li jitlob il-hrug tal-mandat odjern, jew b'xi mod ikkawza danni konsegwenzjali lir-rikorrent u ghalhekk it-talbiet kif impostati fir-rikors promotur ma ghandhomx jigu milqugha.
Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Chris Cilia ghall-konvenut Jesmond Borg. Dr. Patrick Valentino ssejjah diversi drabi baqa` ma deherx. Prezenti l-intimat John Borg. Il-Qorti ordnat lil Dr. Cilia biex fi zmien ghaxart ijiem (10) minn din is-seduta jipprezenta kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru 898/2006. F'dan l-istadju dahal Dr. Patrick Valentino. Dr. Valentino fi zmien ghaxart ijiem (10) minn dan il-verbal ghandu jipprezenta kopja ta' l-ittra interpellatorja u r-risposta taghha. B'kopja lill-kontro-parti. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-provvediment finali ghad-29 ta' Marzu 2007.
Rat in-nota ta' Jesmond Borg *et* ipprezentata fir-Registru fil-24 ta' Jannar 2007 li permezz taghha pprezenta kopja legali tal-mandat 898/06 skond id-digriet ta' din il-Qorti.
Rat in-nota ta' l-intimat John Borg pprezentata fir-Registru fit-2 ta' Frar 2007 li permezz taghha esebixxa kopja ta' ittra datata 21 ta' April 2006, u risposta ghall-istess datata 2 ta' Mejju 2006.
Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi r-rikors tar-rikorrenti Jesmond Borg sar fl-ewwel lok abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

***“836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

Illi fost ir-ragunijiet imsemmija hemm dawk abbazi tal-**artikolu 836 (1) (d) u (f)** li jipprovdu:-

*(d) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta’ l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.”*

Illi fid-digriet **“Joseph Camilleri et vs Anthony Gove’ et”** (P.A.(RCP) 10 ta’ Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **“Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001 inghad ukoll *“li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja”.*

*“Illi fil-fatt jista’ jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f’din il-procedura huwa biss sabiex tezamina ‘prima facie’ jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta’ Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **(“P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited”** – P.A. (RCP) 10 ta’ Mejju 2001; **“Visa***

***Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"*** *P.A.(RCP) 7 ta' Frar 2001)".*

Illi a bazi ta' dawn il-principji din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda bazi ghaliex it-talba tar-rikorrenti odjern tista' tintlaqa' *stante* li jirrizulta car li minn dak li hawn f'dawn l-atti l-presuposti ta' l-**artikolu 836 (1) u (d)** ma jezistux u dan ghaliex jidher li *prima facie* l-istess intimat odjern kellu fiz-zmien li hareg l-istess mandat il-bazi necessarja fil-ligi *prima facie* sabiex jinhareg l-mandat kawtelatorju mertu ta' din il-procedura. Din il-Qorti thoss li kull ezami ulterjuri minn dan ikun qed jinvolvi ezami tal-fondatezza *o meno* tal-pretensjoni tal-intimat fil-mertu, li fil-fatt huwa l-bazi ta' azzjoni jew kawza bejn il-partijiet, u certament li ma ghandux jigi trattat f'dan l-istadju ghaliex altrimenti din il-Qorti permezz ta' din il-procedura tkun qed tmur *oltre* l-limiti taghha li huma strettament dawk ta' *prima facie*. Fil-fatt din il-Qorti thoss li dak li r-rikorrenti odjern qed jitlob f'dan l-istadju huwa kwazi ezami tal-mertu tal-kawza bejn il-partijiet, u certament li taht id-disposizzjoni odjerni din il-Qorti hija prekluza li taghmel dan – anzi ghandha tevita li taghmel dan – u f'dan is-sens din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fil-provediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart"** (P.A. (JRM) – 29 ta' Lulju 2005).

Illi fil-fatt ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 836 (1) (d)** f'dan l-istadju certament ma hemm l-ebda prova jew indikazzjoni li l-ammont kawtelat huwa b'xi mod eccessiv u dan l-ezami huwa bbazat biss fuq Il-bazi ta' pretensjoni ta' l-intimat u l-ammont hemm indikat abbazi ta' l-istess pretensjoni, dejjem mehud fuq l-optika ta' ezami *prima facie.* Certament li fuq din il-bazi l-istess ammont ma huwiex esegerat fid-dawl tat-talba li fuqu hija bbazata. Sa hawn u sa hawn biss huwa l-ezami li ghandha u tista' taghmel din il-Qorti, *stante* li l-ezami tal-mertu huwa proprju l-kontestazzjoni tal-partijiet fil-kawza bejniethom. Fuq din il-bazi jidher li l-ammont kawtelat ma huwiex grossolan u lanqas fittizju izda bbazat fuq dak li qed jippretendi l-attur – jekk altimament ghandux ragun jew le hija d-decizjoni tal-kawza bejn il-partijiet li trid jew

ghandha tiddeciedieh – u certament mhux f'dan il-provediment.

Illi dwar l-**artikolu 836 (1) (f)** jinghadu u japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet li gja gew moghtija ghal dak li huwa l-element hawn konsidrat taht id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 836 (1) (d)** u dan dejjem ibbazat fuq il-realta' legali li dan l-ezami jrid isir mhux fuq indagini fil-mertu izda biss fuq dak li jirrizulta mill-fondatezza *o meno prima facie* tal-pretensjoni tar-rikorrenti li abbazi taghha nhareg l-istess mandat u fuq din il-bazi ma hemm l-ebda dubju li t-talba tar-rikorrenti odjerna ma tistax tintlaqa' – dan ovvjament ma huwiex relatat jekk it-talba fil-mertu hix eventwalment ser tintlaqa' jew le, ghaliex anke jekk din eventwalment tigi michuda, ma jfissirx li r-rikorrenti ma kellux bazi sabiex jikkawtela l-pretesjonijiet tieghu, u f'dan l-isfond l-allegazzjonijiet u s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'dan ir-rikors ma ghandhomx u fil-fatt lanqas jistghu jwasslu sabiex jinghad li ma kienx u ma huwiex gustifikabbli li jinhareg dan il-mandat. Kull determinazzjoni ohra ghandha u qed tithalla ghal decizjoni fuq il-mertu fil-kawza bejn il-partijiet u dan proprju ghaliex l-ezami li qed isir f'dan il-provediment huwa ghal kollox indipendenti minn dak li jsehh fuq il-mertu tal-kwistjoni – li bhala tali ma hijiex illum f'din il-procedura – taht ezami ta' din il-Qorti.

Illi r-rikorrenti rrefera wkoll ghall-**artikolu 836 (8) (b) u (d) tal-Kap 12** u fil-fatt l-istess artikolu jindika l-kazi *ad hoc* fejn *"il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrenti li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun hareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin (inter alia):-*

*"(b) jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed:*

*Izda d-disposizzjoni ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja".*

Illi fis-sentenza **"SN Properties Limited vs George Camilleri"** (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li *"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa ntiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"*.

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal**-artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **artikolu 836 (9**). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

Illi din il-Qorti thoss li l-ewwel bazi ta' din it-talba ma ghandiex tigi milqugha u dan ghaliex din il-Qorti thoss li tali talba ma hija bl-ebda mod sostanzjata b'dak li jinghad fl-istess rikors promotorju, u fil-fatt jidher li dan kien il-mod li l-istess intimat setgha jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu u jidher li kien hemm ukoll korrispondenza bejn il-partijiet fuq il-kwistjoni anke qabel l-hrug tal-mandat kawtelatorju u tal-kawza bejn il-partijiet – jidher ukoll li fi kwalunkwe kaz li l-istess intimat jinsab ukoll kopert legalment bit-tieni parti

ta' l-istess sub-artikolu u dan anke abbazi ta' dak indikat minnu fil-paragrafu 11 tar-risposta tieghu.

Illi ghal dik li hija t-tieni bazi taht id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 836 (8) (d)** din il-Qorti fil-waqt li taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) u d-decizjoni **"Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr. Lilian Calleja Cremona"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm ennuncjati thoss li f'dan il-kaz fuq il-bazi ta' *prima facie* ma hemm ebda element ta' abbuz *da parte* ta' l-intimat anzi jidher li l-istess intimat jidher li kellu *prima facie* bazi guridika li fuqha setgha jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li l-intimat kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tal-intimat ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu.

Illi jinghad li ma hemm ebda prova f'dan il-kaz li l-istess mandat inhareg b'abbuz, b'mod frivolu jew vessatorju u dan ghaliex ma jirrizultax li dak li wassal lill-intimat li johrog il-mandat in kwistjoni kien xi element ta' *mala fede* jew *dolo* jew negligenza gravament kolpuza u dan ghaliex ma hemm l-ebda prova li l-intimat adixxa lil din il-Qorti ghall-hrug ta' Mandat kawtelatorju fuq cirkostanzi li huma manifestament infondati anke *prima facie* fil-fatt u fid-dritt tant li jista' jinsillet li dak li mmotiva lill-intimat li johrog il-mandat indikat kien wiehed ta' semplici malizzja jew vessatorjeta' – u dan jipprexxindi mill-fatt jekk eventwalment l-istess intimat ghandux ragun fil-mertu – punt li jigi deciz fil-foro proprju fil-kawza bejn il-partijiet. (**"Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - Vol. XXXIX.i. 24) – **"Agius vs Dott. Carbone nomine"** – Vol. XIII.434)

– **"Mugliette vs Bezzina"** – Vol. XXVI.i.405). Ghalhekk ukoll ir-rikors tar-rikorrenti fuq din il-bazi qed jigi michud.

Illi fl-ahharnett ir-rikorrent jaghmel it-talba tieghu abbazi ta' l-**artikolu 838 A tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*"Il-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju".*

Illi fl-ewwel lok jinghad li mkien f'dawn l-atti ma gie ppruvat li l-istess mandat kawtelatorju nhareg mill-intimat b'mod abbuziv jew vessatorju, u dan lanqas fuq bazi ta' *prima facie.* Din il-Qorti tosserva wkoll li f'dawn il-proceduri ma ntweriet l-ebda gusta kawza ghaliex ghandu japplika dak li hemm indikat fl-imsemmi artikolu hawn taht ezami – anzi abbazi ta' dak hawn deciz gie ppruvat il-kuntrarju; allura jsegwi li r-rikorrenti ma ppruvatx dak li huwa mehtieg bhala *"gusta kawza"* fl-artikolu minnha citat, u dan johrog car minn dak kollu li ntqal minn din il-Qorti f'dan il-provedement odjern u dan konformi ma' dak li gie stabbilit fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000) fejn inghad:-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…."*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm il-persuna li kontra taghha nhareg il-mandat ghandha diversi triqat x'taghzel li tiehu sabiex tipprotegi l-interessi taghha tul il-pendenza ta' l-istess mandat, inkluz ir-revoka ta' l-istess, t-talba ghall-hlas ta' penali u anke it-talba ghall-hlas ta' danni, u

alternattivament it-talba ghall-hlas ta' garanzija, din l-ahhar procedura xorta wahda hija ntimament konnessa mal-mod kif intalab il-hrug tal-mandat kawtelatorju u c-cirkostanzi kollha *prima facie* li wasslu l-istess sabiex tali talba tintlaqa' mill-Qorti, u ghalhekk ic-cirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836 (8) u (9)** li bihom jista' jigi attakat il-hrug ta' mandat kawtelatorju, jew ragunijiet ohra li jistghu jannullaw il-hrug ta' tali mandat ma jistghux jigu njorati mill-Qorti, u dan anke sabiex tigi kkunsidrata biss it-talba abbazi ta' l-**artikolu 838 A tal-Kap 12** – u dan anke jekk f'dan il-kaz din il-Qorti trid tara wkoll li hemm gusta kawza sabiex tintalab tali garanzija. Dan jafferma dak li gie deciz minn din il-Qorti fil-provediment fl-ismijiet **"Ramon Mizzi et vs SMEL Company Limited"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007).

Illi din il-Qorti thoss li huwa principju assodat mill-gurispridenza lokali li l-ezercizzju tad-dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm id-dritt ma jkunx abbuzat u sakemm l-istess dritt jkun ezercitat fil-limiti permessi fil-ligi. Fil-fatt fid-decizjoni **"John Zarb vs Port Cottonera Limited"** (P.A. (TM) – 18 ta' Settembru 2002) gie deciz li:-

*"Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.i.223); u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol.XXVIII.iii.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'mala fed, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha".*

*"Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitat ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12, thoss li r-responsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias".*

Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar *da parte* tal-konvenuti ta' rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) fejn gew riaffermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima *"Qui suo iure utitur, non videtur damnum facere",* bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il-riconoscimento, sebbene non vi riesca"* **("Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**)** Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (**"Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) naxxenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu *negligenza gravament kolpusa* **("Agius vs Dott. Carbone nomine" -** XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti *"priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda*

*per danni da parte del vincitore nelle lite".* **("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405).**

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti I interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".* Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi *" chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..".* **(Baudry - Lanactinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni**- Vol. VI. Pg.560).

Illi dawn il-principji gew ilkoll ikkonfermati fid-decizjoni **"S.N. Properties Limited vs George u Maria Camilleri"** (P.A. (RCP) – 6 ta' Gunju 2000 li ghaliha qed issir riferenza fejn inghad li l-iskop ta' l-**artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap 12** introdotti b'effett ta' tal-**Att XXIV tal-1995** huwa, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti *per se* fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa ntiz, sabiex bhal ma stabbilit il-gurisprudenza konstanti fuq citata, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' *mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana.*

Illi fil-fatt inghad li fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx *per principju* l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati *ai termini* ta' l-**artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero` *in verita'* u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **artikolu 836 (9).** Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel fuq din il-materja ta' possibilita` ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk

elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836,** fejn l-azzjoni in generali tista’ tirnexxi.

Illi ghalhekk f’dak li huwa l-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 838 A tal-Kap 12,** din il-Qorti ma tistax tiddistakka ruhha kompletament minn diversi ragunijiet li setghu jattakaw il-validita’ ta’ l-istess mandat kawtelatorju abbazi ta’ l-**artikolu 836 (1) (8) u (9) tal-Kap 12,** iktar u iktar meta fir-rikors promotorju tali gararanzija qed tintalab proprju ghal dik li rrefferiet ghaliha bhala eventwali penali jew danni kkagunati, li certament huma s-suggett tas-sub-artikoli msemmija.

Illi din il-konnessjoni dwar il-validita` tal-mandat kawtelatorju u l-konnessjoni ta’ l-**artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap 12** ma’ dak ta’ l-**artikolu 838 A tal-Kap 12** giet ikkunsidrata anke fil-kaz **“Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Limited”** (P.A. (RCP) 7 ta’ Frar 2001) li giet ukoll abbraccjata fid-decizjoni gja citata ta’ **“John Zarb vs Port Cottonera Limited”** fejn gie affermat anke l-principju li jekk persuna tigi determinata li ghandha d-dritt tagixxi sabiex tipproteggi l-interessi taghha, *“ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta’ intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni ta’ l-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma’ l-mertu tal-kaz u fl-ambitu tal-kawza proprja fil-mertu”.*

Illi ovvjament din il-Qorti qed hawn tikkonsidra biss il-posizzjoni fid-dawl ta’ l-imsemmi **artikolu 838A tal-Kap 12** fuq bazi biss ta’ *prima facie* ghaliex il-mertu jista’ biss jigi kkunsidrat u deciz fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet **“Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart”** (P.A. (JRM) – 29 ta’ Lulju 2005) u din il-Qorti thoss li certament f’dan l-istadju ma hemm l-ebda bazi sabiex tintalab l-istess garanzija u dan peress li jidher li l-intimat odjern kull ma qed jaghmel huwa biss li jikkawtela l-pretenzjonijiet tieghu u ma jidhirx li qed isir abbuz f’dan l-istadju mill-istess procedura, tant li din il-Qorti gia ddecidiet f’dan is-sens iktar il-fuq f’dan il-provediment.

Illi għalhekk abbazi ta' dak stabbilit fid-deċizjoni **"Joseph Parnis et vs Raymond Pace et"** (P.A. (GC) – 6 ta' April 2001) u **"L-Avukat Vincent Falzon nomine vs Alexander Sullivan nomine"** (P.A. (GC) – 2 ta' Marzu 2001) fejn il-konnessjoni ta' l-istess artikoli fuq imsemmija u allura l-validita` ta' l-istess mandat u l-mod kif gie ezercitat, anke taht il-konsiderazzjoni ta' l-**artikolu 836 (8) u (9)** huwa relevanti ghal dak li jipprovi l-**artikolu 838 A tal-Kap 12,** almenu ghall-applikazzjoni tad-deskrizzjoni tal-Qorti ghall-ordni simili, jekk tintwera dik li tissejjah bhala "kawza gusta".

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta f'dan l-istadju li l-intimat agixxa biss *entro* l-limiti tal-ligi sabiex jipproteggi l-interessi tieghu, u l-mandat gie milqugh biss fit-termini hemm indikati u dan apparti li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li b'dan il-mandat mhux ser ikun jista' jhallas ghas-serra li huwa ordna ma huwiex strettament fit-termini ta' definizzjoni ta' danni kontemplati fl-artikolu citat minnu u hawn din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fil-provediment fl-ismijiet **"Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty"** (P.A. (GC) – 4 ta' Ottubru 2002).

Illi ghalhekk din it-talba tar-rikorrenti qed ukoll tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' l-intimat John Borg datata 5 ta' Dicembru 2006 u dan biss in kwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti Jesmond Borg fir-rikors tieghu datat 20 ta' Gunju 2006** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn indikati.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Jesmond Borg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------